MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Numru. 3/2010

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Victor Micallef, iben Saviour, imwieled Ħaż-Żebbuġ fil-15 ta’ Ottubru, 1947, karta ta’ l-identita numru 940547(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fil-11 ta’ April, 2009 u fiż-żminijiet ta’ qabel, f’diversi bnadi f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe’ laqa’ għandu tlett armi tan-nar, cioe’ senter ta’ għamla mhux magħrufa, serje tal-barrel numru 6989, senter tal-għamla Browning, serje tal-barrel

numru S50719 u senter tal-għamla USSR, serje numru K05555, liema armi kienu nsterqu fid-9 ta' Awwissu, 2004;
2. talli fl-istess ċirkostanzi fil-fond jew fid-dintorni tiegħu, cioe' fir-residenza numru 51, Triq Vincenzo Maculano, Fgura u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, żamm jew kellu fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu, armi tan-nar, u cioe' airgun tal-għamla Blue Streak Sheridon, serje numru 07911, airgun tal-għamla Habnell 1302, serje numru 402286, senter tal-għamla mhux magħrufa, barrel serje numru 920, senter tal-għamla mhux magħrufa, barrel serje numru 6989, imitazzjoni ta' arma, senter tal-marka Browning, barrel serje numru S50719, senter tal-marka USSR, serje numru K05555, senter tal-għamla Breda, barrel serje numru SB21505, u pistola tal-għamla u serje mhux magħrufa, kif ukoll ġarr l-istess armi, li huma armi regolari mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
3. talli fl-istess ċirkostanzi ġie fil-pussess ta' armi tan-nar milli b'liċenzja, u naqas li jirraporta minnufih lill-pulizija meta akkwista airgun tal-għamla Blue Streak Sheridon, serje numru 07911, airgun tal-għamla Habnell 1302, serje numru 402286, senter tal-għamla mhux magħrufa, barrel serje numru 920, senter tal-għamla mhux magħrufa, barrel serje numru 6989, imitazzjoni ta' arma, senter tal-marka Browning, barrel serje numru S50719, senter tal-marka USSR, serje numru K05555, senter tal-għamla Breda, barrel serje numru SB21505, u pistola tal-għamla u serje mhux magħrufa.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tirrevoka l-liċenzja maħruġa f'isem Victor Micallef.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Novembru, 2010 fejn wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat iddikjara li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 334(a)(b)(ċ) u 337(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali;

b. fl-artikoli 5(1), 32(ċ), 41 u 51(2) tal-kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta; u
c. fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-10 ta' April, 2009 għal ħabta tas-7.00 p.m. Pauline Micallef, mart l-imputat, marret l-għassa ta' Raħal Ġdid fejn irrapurtat lil żewġha. L-allegazzjoni kienet li l-imputat kien ser joqtolha. Il-pulizija marru fir-residenza matrimonjali u cioe' fil-fond numru 51, Triq Vincenzo Maculano, il-Fgura. Huma daħlu fil-garage ta' dan iil-fond u sabu għaxar armi tan-nar imwaħħla mal-ħajt. L-imputat informa lill-pulizija li kien hemm arma tan-nar oħra li kienet f'fond ieħor f'Tal-Barrani. Minn dan il-fond il-pulizija elevaw senter tal-marka Savas Silah Sanay bin-numru tas-serje 354.

Illi mill-indaġini li saru jirrizulta li l-imputat kellu liċenzja biex izomm żewġ armi tan-nar u cioe' is-senter tal-marka Savas Silah Sanay, bin-numru tas-serje 354 u senter mingħajr marka, bin-numru tas-serje 418.

Illi jirrizulta wkoll illi tlett armi u cioe' shotgun, ta' marka mhux magħrufa, bin-numru tas-serje 6989, shotgun Browning, bin-numru tas-serje S50719 u shotgun USSR, bin-numru tas-serje K05555, kienu ġew misruqa mill-fond numru 66, Triq Ħal-Qormi, Ħamrun fid-9 ta' Awwissu, 2004. Il-pulizija staqsew lill-imputat minn fejn kienu ġew dawn it-tlett armi u l-imputat kien wieġeb li waħda minnhom kienet ġiet mixtirja mingħand ċertu 'Johnny' li fil-

frattemp kien miet. Iż-żewġ armi oħra kienu nxtraw minn fuq l-idejn mingħand persuna mhux magħrufa. L-imputat ikkonferma fix-xhieda tiegħu, dak li kien qal lill-pulizija, u cioe' li hu kien xtara dawn it-tlett armi hawn fuq imsemmija għaliex kienu zarmati u ma kienux funzjonanti. Dwar l-armi l-oħra, hu xehed li hu kien xtrahom matul is-snin u l-iskop tiegħu kien biss għad-tisjin tal-ħajt u għal skop ta' kollezzjoni. Fil-fatt, is-surgent li mar fuq il-post ikkonferma li dawn l-armi kienu ilhom is-snin imwaħħla mal-ħajt u dan kien ċar minħabba t-trab li kien hemm madwarhom.

Illi dwar l-akkuża tar-riċettazzjoni hu ċar li għalkemm l-imputat kien imprudenti kif xtara dawn it-tlett armi. Dan jirrizulta mill-fatt li hu kien jaf li dawn l-arni kellhom ikunu liċenzjati fl-istat li kienu. Kien ikun għaqli għalih li kien jistaqsi lill-pulizija jekk dawn l-armi seta' kellhom provenjenza illeċita. Fil-fatt, kif l-imputat ġie offrut dawn l-armi kellu jqajjem f'moħħu l-kwistjoni jekk dawn l-armi kellhomx provenjenza legali. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet jidher ċar milli provi li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat minħabba l-fatt li wieħed mill-elementi ta' dan ir-reat hu nieqes. L-imputat ma kellhux is-scienter li dawn l-armi kellhom provenjenza minn serqa. Naturalment, dawn it-tlett armi għandhom jiġu ritornati lil sidhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li għajr għal dawk l-armi liċenzjati l-oħrajn ma ġewx liċenzjati u għalhekk il-prosekuzzjoni rnexxielha tiprova l-każ tagħha. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat informa lill-pulizija meta hu fil-kors tas-snin ġie fil-pussess ta' dawn l-armi, skont il-liġi.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tat-tieni u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 5(1), 41 u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' multa ta' seba' mitt euro (€700). Minbarra dan rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' tlett mija u tlieta u tletin euro (€333) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti f'dawn il-proċeduri. Tordna illi t-tlett armi u cioe' s-shotgun bla marka bin-numru 6989, is-shotgun

Browning bin-numru S50719 u is-shotgun USSR bin-numru K05555 jiġu ritornati lil sidhom u cioe’ lil Anthony Bonnici [identity card numru 464347(M)] residenti fil-fond numru 66, Triq Ħal-Qormi, Ħamrun. Tordna li l-armi kollha, ħlief dawk liċenzjati, jiġu konfiskati favur il-Gvern ta’ Malta. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-revoka tal-liċenzja għaz-zamma tal-armi maħruġa favur l-imputat Victor Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------